Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 9/2016

**Maria Concetta Grixti (appellanti)**

**Vs**

**Argus Insurance Agencies Limited in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Co (Europe) Limited (appellata)**

4 ta' Dicembru, 2018.

1. B'sentenza tat-2 ta' Lulju, 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet talba tal-attrici ghall-hlas ta' mhux iktar minn disat elef ewro (€9,000) valur tat-taxi 116 assigurata mal-konvenuta, li nharqet. L-ewwel qorti rragunat li meta kienet qeghda timla l-proposal form, l-attrici ma wegbitx ghall-mistoqsija jekk kellhiex incidenti bil-vettura fuq meddha ta' hames snin qabel. B'hekk kien hemm ksur tal-principju uberrima fides, li hi l-bazi tar-relazzjoni bejn l-attrici u l-konvenuta. Ksur li jaghti dritt lill-konvenuta li tirripudja l-polza u ghalhekk ma thallasx lill-attrici l-kumpens li talbet.

2. B'rikors prezentat fl-20 ta' Lulju, 2018 l-attrici appellat mis-sentenza bl-aggravju jkun li s-sentenza tal-ewwel qorti kienet sporporzjonata ghaliex il-konvenuta kellha parti mit-tort minhabba li naqset milli taghmel verifiki semplici fil-kamp tal-assikurazzjoni li kienu jwasslu biex immedjatament tinduna bi kwalsiasi aspett li jista' jkun ta' pregudizzju ghaliha.

3. Il-konvenuta wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

4. L-attrici assigurat il-vettura Taxi 116M mal-konvenuta. Fil-*proposal form* li ffirmat, datata 31 ta' Ottubru, 2014, ma wegbitx ghall-mistoqsija:

*"8. Had any loss, accident, or claim during the last five years in connection with any motor vehicle".*

L-istess hi vojta dik il-parti taht id-domanda numru tmienja (8) li taqra, *"If any of your answers to the above questions was YES, please specify"*.
F'dik il-parti ntalbu d-dettalji tax-xufier.

5. Jirrizulta li fl-1 ta' Novembru, 2014 il-konvenuta harget il-polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni. Il-polza kienet tkopri lill-attrici u kwalsiasi persuna awtorizzata 'l fuq minn 25 sena. Polza li nharget a bazi tat-taghrif li nghata fil-*proposal form*.

6. Fl-istess sena li l-konvenuta harget il-polza fuq il-vettura Taxi 116M, l-istess vettura kienet involuta f'incidenti tat-traffiku li graw **fl-4 ta' Frar u 20 ta' Gunju**. Fiz-zewg kazijiet ix-xufier kien Emanuel Galea, cjoe' l-istess persuna li kien qieghed isuq il-vettura li f'Settembru 2015 inhakmet min-nirien li eventwalment wassal ghal din il-kawza. F'dawk id-dati l-vettura kienet diga' registrata f'isem l-attrici u kienet assigurata ma' zewg ditti ta' assikurazzjoni li m'humiex il-konvenuta. Ghalkemm issemma wkoll li kien hemm incident iehor fil-25 ta' Novembru 2013 fi Triq is-Sebh, Qormi ma ngabitx prova sodisfacenti dwaru.

7. Is-sentenza tal-ewwel qorti fiha riferenzi ghall-gurisprudenza relatata mal-principju ta' *uberrima fides* fil-kamp tal-assikurazzjoni.

8. M'hemmx dubju li l-attrici naqset meta ma wegbitx ghad-domanda numru tmienja (8) fil-*proposal form*. Hu d-dmir tal-persuna li timla' l-*proposal form* li tirrispondi ghad-domandi li jkun hemm fiha bl-ahjar mod possibbli. Ladarba kien hemm domanda specifika fil-*proposal form* hu evidenti li ghall-kumpannija assikuratrici t-taghrif mitlub kien materjali u l-attrici kellha obbligu li twiegeb ghal kull domanda b'mod fidil. Meta xehedet ma tatx raguni ghalfejn m'hemmx twegiba ghal dik id-domanda. Ovvjament kellha l-obbligu li tizgura li tinghata twegiba ghal kull domanda li hemm fil-*proposal form*.

9. F'dan il-kaz cirkostanzi li bla dubju kienu rilevanti huma li:

    i. Fiz-zewg incidenti l-vettura kienet qeghda tinstaq minn Emanuel Galea;
    ii. L-incidenti graw fi spazju ta' ftit iktar minn erba' xhur, ftit xhur qabel il-konvenuta harget il-polza ta' assikurazzjoni li a bazi taghha l-attrici qeghda tippretendi l-hlas;
    iii. Fiz-zmien li graw l-incidenti, il-vettura kienet assigurata ma' zewg ditti ta' assikurazzjoni differenti. L-attrici ma tatx raguni ghaliex bidlet l-assikuratur;
    iv. It-tieni incident kien serju, u jirrizulta li sehh meta l-vettura Taxi 116M dahlet fil-karreggata ta' vetturi gejjin min-naha opposta;[1]

10. Ghalkemm irrizulta li l-formola mtliet minn Daniel Schembri fil-presenza tal-attrici, dak il-fatt ma jbiddel xejn. F'dak li ghamel, Schembri kien qieghed jagixxi bhala agent tal-attrici.

11. L-aggravju tal-attrici hu li t-taghrif li talbet il-konvenuta fid-domanda numru tmienja (8) tal-*proposal form*, kien taghrif li facilment setghet takkwista minghand il-kumpanniji li maghhom kienet assigurata l-vettura meta graw l-incidenti tat-traffiku. Pero' dik mhijiex raguni sufficjenti. L-obbligu kien fuq l-attrici li taghti t-taghrif kollu li ntalbet taghti. Ladarba ma tatx dak it-taghrif li dwaru kien hemm domanda espressa fil-*proposal form*, gie li kisret il-principju kardinali ta' *uberrima fides*. F'dawn ic-cirkostanzi m'ghandhiex jedd tippretendi li l-konvenuta tonora l-claim taht dik il-polza.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.

---

[1] Fil-fatt fir-road accident report hu rapportat li Emanuel Galea qal, *"Jiena kont ghaddej fi Triq tul il-Kosta sejjer fid-direzzjoni lejn San Giljan, accidentalment spiccajt f'lane opposta u b'konsegwenza ta' hekk hbatt ma' vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta"* (fol. 135).